# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Ottubru 2003 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Novembru 2003 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Diċembru 2003 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Jannar 2004 fit-3.00p.m.
   Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 56 OTTUBRU 2003 JITQASSAM BLA ĦLAS



## ĠUŻA MIFSUD U L-MISSJONI

Ix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar fejn l-imħabba tagħna lejn Alla, l-Madonna u l-proxxmu nesprimuha kemm permezz tar-rużarju kif ukoll bil-ġenerożità u t-talb tagħna għall-missjoni u l-missjunarji. Bla dubju Ġuża kellha għal qalbha kemm ir-rużarju, talba li togħġob bil-bosta lill-Madonna kif ukoll lill-missjoni, għax kif kienet spiss tgħid, aħna lkoll aħwa fi Kristu. Sa minn ċkunitha kienet tiċċaħħad sabiex ikollha x'tagħti għall-missjoni. Kienet tgħin kemm materjalment kif ukoll bit-talb. Din l-imħabba iżda ma żammitħiex biss għaliha, iżda ppruvat taqsamha ma' dawk kollha li ltaqgħet magħhom matul is-snin. Minna issa jiddependi jekk aħniex lesti nilqgħu din is-sejħa, kulħadd skond il-mezzi u ċ-ċirkustanzi li jgħix fihom.

Waqt il-laqgħa ta' Novembru 1996, inqrat din is-silta minn messaġġ li Ġuża kienet hejjiet qabel ma mietet. Hija qalet, "Issa ħa nitlob ftit għall-bżonnijiet tal-missjoni. Min għandu l-ġid, min għandu x'joffri għall-missjoni, joffri. Jiena l-missjoni meta kont aħjar milli jiena u meta kien ikolli xi sold f'idejja kont noffrihulhom bis-sabar u bil-qalb u anka issa, tafux!... Għandna nitolbu ħafna għall-bżonnijiet tal-missjunarji biex ikomplu bil-qalb ixerrdu dak kollu illi Ġesù ġie fid-dinja għalih, ixerrdu l-evanġelju mqaddes Tiegħu. Jekk jista' jkun inkomplu nxerrdu dan l-evanġelju ma' l-erba' parti tad-dinja. Għandna nitolbu ħafna għall-bżonnijiet tal-missjunarji biex Alla jimlihom bl-imħabba u bil-kuraġġ... ħalli lil dawk li huma 'l bogħod minn Alla jsiru ħaġa waħda bħall-aħwa, u kulħadd jemmen fil-Ħallieq tagħna, fil-Mulej tagħna, mbagħad jemmnu f'min fdiena, fi Kristu li fdiena u jrid iwassalna fil-mergħat ta' dejjem. Meta ngħaddu d-dinja u nkunu fil-grazzja t'Alla inkunu fil-mergħat ta' dejjem, bħal dawk in-ngħaġ li jkunu qegħdin ġo art għammiela, jieklu l-ħaxix aħdar u sabiħ u bnin u tajjeb. Aħna ma għandna xejn fid-dinja isbaħ u akbar minn ruħna... Bit-tajjeb li nagħmlu nakkwistaw għal ruħna dak il-post fis-sema pajjiżna..."

Din is-sejħa għat-talb għamlitha wkoll waqt il-laqgħa ta' Ġunju 1996, meta qalet, "Għalhekk, ħbieb, sħabi tal-Moviment, sħabi tal-Kumitat, Maltin u Għawdxin, nibdew inbiddlu l-fehmiet ta' min ma jgħarafx lil Alla. Irridu nużaw ħafna talb, nużaw it-talb għall-bżonnijiet ta' dawk il-pajjiżi fejn hemm nies li ma jagħrfux lil Alla... Nitolbu ħafna għall-missjunarji, nitolbu ħafna biex ikollna ħafna żgħażagħ b'vokazzjonijiet sbieħ biex imorru jgħallmu l-evanġelju fil-missjoni... biex imorru jxandru l-imħabba t'Alla, tal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, biex lil dawk in-nies li huma ta' rieda ħażina, iġibuhom f'posthom, iġibuhom li qalbhom nikkuntattawhielhom mal-evanġelju li tana l-Mulej Ġesù..."

Fil-laqgħa ta' Novembru 1989, Ġuża qalet li kellha viżjoni minn Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li skond hi qaltilha, "Għażiża oħti li tant qegħda taħdem u tħabrek għall-akbar glorja t'Alla u tal-Madonna u għas-sema kollha u għad-dinja kollha... ħa nerġa' ngħidlek u ninfurmak illi meta inti għamilt dik il-ġabra għal ta' l-Ethiopia tant sar ġid b'dawk il-flus illi nġabru minn hemm fuq..."

Ġuża kompliet tgħid, "Illum kelli nkun naf li jekk Alla jipprovdi xi ħaġa minn hawn fuq, ħa nagħtuha għall-missjoni. Irridu nagħtuhom lill-Papa biex jitqassmu mal-kumplament tal-flus li għandu għall-missjoni." Kompliet tgħid li l-pensjoni tagħha ser tiċċaħħad minnha kollha għax Santa Tereża qaltilha, "'Trid tiċċaħħad minnhom għax quddiem Alla trid tidher iċ-ċaħda ta' xahar ieħor bħalma għamilt għal ta' l-Ethiopia.' Għax hekk għandi mis-sema, li jiena rrid niċċaħħad minn kollox u Alla jipprovdili għax għandi kemm irrid ilma ġol-vit.



Santa Tereża qaltli, 'B'dan ħa ttaffu ftit mill-ġuħ illi hemm fil-missjoni, ħa ttaffu ftit għera... Dawk il-ftit flus li ħa tnaqqsu għall-ġebel tas-santwarju tal-Madonna, jekk Alla jrid kif jiġi l-permess, il-ġnus tad-dinjà kollha jgħinukom.'"

Dawn iċ-ċaħdiet li Ġuża kienet tagħmel, johorġu wkoll ċari minn dak li qalet fil-laqgħa ta' Ottubru 1992. Matul din il-laqgħa Ġuża semmiet kif kienet marret persuna għandha li tatha mitt lira għall-Madonna u elf lira għaliha sabiex iddur dawra d-dar, eċċ. Qaltlu, "Ta' dan il-ġest nirringrazzjak. Minn qiegħ qalbi nirringrazzjak ħafna, nitlob ħafna għalik, imma ħa ngħidlek minn issa illi jekk inti trid tagħtihomli, dawk ħa nagħmel bihom li rrid.'

Jiena dawna tkellimt mas-Sinjura tal-Ħajja għax għidtilha li hemm fuq (il-Girgenti) għandna bżonn il-flus. Qaltli, 'Il-flus jiġu, taqtax qalbek, dejjem iċċaħħad minn kollox." Qalet li ser tqassamhom, kif filfatt għamlet, f'diversi pajjiżi tal-missjoni għax il-Madonna urietha viżjoni ta' ħafna nies ibatu l-ġuħ, is-swat, eċċ.

Żgur li wieħed ma jistax jibqa' ndifferenti meta jaqra dak li Ġuża qalet waqt il-laqgħa ta' Settembru 1996. Hija qalet, "Ngħidilkom illi f'xi ħin minn tal-lejl tal-bieraħ, kelli viżjoni kbira ħafna. Fejn kont qegħda, rajt sħaba kbira ħafna u fuq din is-sħaba kien hemm numru kbir ħafna ta' tfal sbieħ, minn tliet snin l-isfel u fin-nofs kien hemm xi ħadd illi qalli fuq it-tfal tal-missjoni. Ma nistax infissrilkom kif rajthom f'dina l-viżjoni fuq din is-sħaba. Imma dawn it-tfal rajthom b'kuluri ħafna sbieħ, min b'ilbies ċelest, min roża, min aħdar, min aħmar, min vjola... L-affarijiet tal-ħniena t'Alla ħadd ma jifhimhom ħlief Hu. Jiena bdejt inħares u nistagħġeb u fl-istess ħin bdejt nibki ma' dawk it-tfal għaliex kien hemm ħafna minnhom jibku. Min kien qiegħed jitkellem miegħi spiritwali fil-ħin tal-viżjoni qalli li ħafna minn dawk l-eluf ta' tfal li jiena kont qed nara fil-viżti ta' għajnejja kollha huma tfal bil-ġuħ fl-artijiet tal-missjoni.

Minkejja li dawn it-tfal ikunu jbatu minħabba li tant ikunu mistkerrħa mill-ġenituri tagħhom, imma jiena lil dawn it-tfal tant rajthom ħelwin, rajthom x'waħda din! Qishom anġli milli għandu miegħu il-Mulej fis-sema. Kemm rajthom sbieħ lil dawn it-tfal, kemm rajthom ħelwin, imma kemm rajthom qegħdin ibatu. Minbarra minn dawn it-tbatijiet li qegħdin ibatu dawn it-tfal fil-missjoni, imbagħad hemm oħrajn illi ma jħalluhomx jaraw id-dawl tad-dinja."

Għalhekk ħuti fi Kristu, naqsmu dak li l-Mulej ipprovda ma dawn ħutna għax kif kienet tgħid Ġuża, "Dak li tagħtu ħa tqegħduh fil-bank ta' l-eternità u minn hemmhekk ma joħodulkom ħadd u ħadd, ħlief li l-Mulej jerġa' jroddulkom meta tmorru quddiemu..."

SILTIET OHRA MILL-MESSAĠĠI TA' ĠUŻA MIFSUD

Kemm jista' jkun ma noqogħdux fid-dar tagħna mingħajr statwa jew ritratt ta' l-għażiża Madonna u ma norqdux mingħajr rużarju. Mhux tgħidlek: "M'għandix żmien għal posta rużarju." Mela dak sew! Qegħdin ġo Malta, hawn tant kapriċċi, toqogħdu tant tinħlew fiż-żmien quddiem it-television, imbagħad ma tinġabrux intom u żwieġkom u uliedkom u tgħidu dawk l-imqaddsa ħames posti rużarju!...

Nhar it-3 ta' Frar 1989, għall-ħabta tal-11.30... rajt fejni saċerdot... Malti, imma qiegħed fil-Purgatorju... Għidtlu, 'Għaliex inti hekk u m'intix bħas-soltu?' Qalli, 'Ġuża, għax qiegħed inbati, itlob ħafna għalija għaliex baqagħli xi ftit. Ħadd ma jagħmilli quddiesa għar-ruħi.'... Nitolbu għal kulħadd, anka għall-erwieħ tas-saċerdoti... Jiena meta nispiċċa mit-talb tagħkom, ngħid għall-bżonnijiet tal-benefatturi tagħna, għall-bżonnijiet ta' dawk li qegħdin jirrikomandaw ruħhom fit-talb tiegħi. Imbagħad ngħid għall-erwieħ tas-saċerdoti, għall-erwieħ abbandunati u għall-erwieħ kollha tal-Purgatorju... *Mulej agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom, jistrieħu fis-sliem, amen.*

Il-Milied ma għandniex ngħadduh b'affarijiet ta' lussu, ta' piki, ta' mibegħda, imma minflok għandna nżommu qalbna nadifa. Dak li trid is-Sinjura tal-Ħajja u dak li ħadt jiena dan il-lejl minn Ġesu ta' l-Ewkaristija. Biex jirrenja fil-qlub il-Mulej Ġesu' jrid isib l-imħabba, il-paċi, is-sempliċita' u l-indafa fil-qalb u fir-ruħ.

## AVVIŻ IMPORTANTI - IT-28 TA' OTTUBRU

Nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2003 jaħbat is-seba' anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi dakinhar stess fis-6.30p.m. Kulħadd huwa mistieden.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixhet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**Philip Azzopardi, President tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni,** kiteb din it-testimonjanza ta' grazzja li qala' fil-Girgenti nhar il-Ħadd 6 ta' April 2003: "Jiena nirringrazzja lil Alla tal-fedelta' tiegħu miegħi għall-grazzja li tani u nirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud tal-interċessjoni tagħhom biex permezz ta' din il-grazzja jien inkompli nsaħħaħ il-fidi tiegħi fil-Mulej Ġesù, id-devozzjoni lejn il-Madonna u l-imħabba tiegħi lejn ir-ruħ qaddisa ta' Ġuża Mifsud.

Nhar il-Ħadd li għadda, 6 ta' April 2003, mort bħas-soltu għall-laqgħa ta' talb il-Girgenti. Jiena kelli ftit uġigħ fuq wara ta' għonqi u taħt il-ġwejnaħ tax-xellug ta' dahri li kien jirrispondini kif noħroġ idejja biex nerfa' xi ħaġa. Dan hu dak l-uġigħ li kien għad fadalli wara li nhar il-Ġimgħa filgħodu qomt b'uġigħ kbir f'għonqi u f'dahri. Kien uġigħ qawwi u ikraħ għax fakkarni fl-uġigħ kbir li kelli meta ħmistax-il-sena ilu qabadni *slipped disc*. Dakinhar, fit-2 ta' Frar 1988, bit-talb ta' Ġuża Mifsud dirett lejn l-ispirtu qaddis tal-Madonna biex tiġi għandi u tfejjaqni, jiena kelli fejqan instantanju u għalija kien fejqan mirakoluż. Għalhekk meta issa reġa kelli dan l-uġigħ jiena bżajt ħafna li kien ser jerġa' jinkwetani is-*slipped disc*. Nammetti li ddubitajt mill-ħniena t'Alla u staqsejtu fit-talb tiegħi jekk dan il-fejqan ta' ħmistax-il sena ilu kienx fejqan permanenti.

Dakinhar tal-laqgħa, wara li għidna r-rużarju u qrajt Salm 51 bħala talba flimkien mal-miġemgħa u daqqejna il-5 tokki tal-qanpiena bħala tifħir lil Alla, lill-Madonna u l-qaddisin kollha, għaddejna biex nibdew il-Via Sagra. Fis-snin li għaddew dejjem ġarrejt il-kurċifiss kbir u tqil għal l-ewwel seba' stazzjonijiet, imbagħad kien iġorru ħaddieħor għax kont ngħejja minn dirgħajja. Din id-darba bdejt nibża' u kont ser ngħid lil tal-kumitat biex iġorru xi ħadd minnhom. Iżda fil-ħin u l-waqt għamilt att ta' fidi fil-Mulej u qbadt il-kurċifiss f'idejja u erfajtu. Ħwejjeġ ta' l-għaġeb ma ħassejtx uġigħ imkien. Mhux talli hekk, talli kif tawħuli f'idejja u tajt l-isforz biex nieħu t-toqol fuq dirgħajja, sibtu ħafif aktar mis-soltu u għollejtu 'l fuq qiesu kien salib ta' l-injam biss mingħajr korp! Anqas ridt nemmen, u bdejt inżommu fl-għoli u ndawwar rasi 'l hawn u 'l hemm biex nara nħossx xi uġigħ. Ma kelli ebda uġigħ. Tant ħadt pjaċir nerfa' l-kurċifiss għax kien ħafif, li waqt l-ewwel stazzjon għalkemm kien qed jaħkmu r-riħ qawwi ma ridtx inserraħ is-sieq tas-salib ma' l-art kif kont nagħmel issoltu. Fredu Micallef, membru tal-kumitat innotani li mhux qed inserraħ u beda jwissini biex inserraħ

biex ma ngħejjix. Mit-tieni stazzjon 'l hemm bdejt inserraħ is-sieq tas-salib fuq il-bankijiet għax ma ridtx nagħmilha tal-prużuntuż. Wara s-seba' stazzjon, Fredu Micallef talabni biex jerfa' hu ħalli jserraħni, iżda jien tant kont qed nieħu gost bil-heffa tal-kurċifiss u li assolutament ma kont għajjien xejn, li ma tajtulhux, u ġarrejtu tul l-istazzjonijiet kollha sa' l-aħħar!

Wara l-Via Sagra, jiena tajt xhieda lill-ġemgħa preżenti għal dak li kont esperjenzajt dak il-ħin u rringrazzjajt lil Alla għall-grazzja li tani għax għalija kienet konferma tal-fedelta' tiegħu għal dak li għamel miegħi 15-il sena ilu.

**M. Zammit minn Raħal Ġdid** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

**F. Agius minn Birżebbuga** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet il-mara tat-tifel tagħha, u dan bl-interċessjoni tal-Madonna.

**Nina Scerri minn B'Kara** tirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud għaliex bl-interċessjoni tagħhom it-tifel u l-mara tiegħu ser ikollhom tarbija.

**J.M. minn Ħaż-Żebbug** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għax bl-interċessjoni tagħha qalgħet il-fejqan mill-marda li kellha.

**J. Grech mill-Kerċem** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

**L. Galea** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet. Kienu ser jagħmlulha l-ġibs iżda ndunaw li ma kelliex bżonnu.

**C. Busuttil minn tas-Sliema** tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet fir-rigward tan-neputi tagħha.

**M. Zammit mill-Fleur de Lys kitbet hekk:** Jiena dejjem kelli ammirazzjoni lejn it-tjubija ta' Ġuża tal-Girgenti. Xi drabi attendejt ukoll il-laqgħat ta' talb. Darba jiena ħadt miegħi lit-tifla Ritianne. Kien hemm folla kbira iżda rnexxili nersaq viċin ta' Ġuża u waqt li kienet ser tibda titlob, għidtilha biex titlob lill-Madonna forsi Ritianne ma tibqax tuża' n-nuċċali. Dak iż-żmien it-tifla kellha sitt snin, illum għandha wieħed u għoxrin sena. Ġuża poġġiet idejha fuq għajnejn it-tifla u bdiet titlob lill-Madonna. Dak il-ħin jiena kelli fiduċja kbira. It-tifla ilha snin ma tużax nuċċali, tant li llum kont insejt li Ritianne kienet tuża' n-nuċċali.



**Inez Lanzon mill-Ħamrun kitbet:** Fl-aħħar ta' Diċembru kont għand it-tifla u qabadni uġigħ kbir f'għajnejja l-leminija. Tant kelli uġigħ li ħsibt li se nitlef id-dawl ta' għajnejja. Jiena tlabt lit-tifla tagħtini l-ilma tal-Madonna tal-Girgenti. Bdejt inlaħlaħ għajnejja bih filwaqt li bdejna nitlobu lill-Madonna. Alla jbierek, wara ftit minuti dan l-uġigħ marli għal kollox. Nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna.

**L. Caruana minn Birżebbuga kitbet:** Għamilt xahrejn l-Ingilterra u matul dan iż-żmien qabadni uġigħ kbir ġo dahri tant li ma stajtx niċċaqlaq. Domt tlett ijiem muġugħa sewwa. Fil-basket kelli labtu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u waqt li kont qed nitlob għamiltu ma' dahri. Wara nofs siegħa beda jċedi l-uġigħ. Għal dan nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-fidi li tatni.

**T. Attard minn Birkirkara** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tal-Kurċifiss, tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Jgħid li kellu infezzjoni fil-gerżuma, fl-istonku u f'imsarnu. Dam erbat ijiem fis-sodda u beda jitlalu d-deni. It-tabib taħ il-pinnoli. Xi ġimgħa wara li spiċċa l-pinnoli d-deni reġa' telagħlu. Tela' l-Girgenti, nzerta li kien hemm il-laqgħa ta' talb. Beda jitlob lil Ġuża għax beża' li kien ser jispiċċa l-isptar jew li ser imut. F'daqqa waħda beda jħossu aħjar u l-infezzjoni li kellu għaddietlu.

**Ġuża Galea mis-Siġġiewi** tirringrazzja lil Alla u l-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħet bintha Rosy u r-raġel tagħhha Peter. Rosy ma setgħax ikollha tfal. Tħabtet ħafna biex taddotta mill-Pakistan iżda ma rnexxilhiex. Issa għall-grazzja t'Alla, irnexxielha taddotta żewġt itfal mill-Ethiopia.

**Anna Muscat mill-Mosta kitbet hekk:** Żewġi Joseph taħ attakk tal-qalb. Dam tlett ijiem l-I.T.U., ħamest ijiem is-C.C.U. u sitt ijiem l-M7. Għandna tlett itfal żgħar, ta' 13, 12 u 3 snin. Nirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna għall-grazzja li qlajna għax qatt ma konna nobsru li reġa' ġej lura d-dar tant kemm kien ħażin. Aħna qatt ma konna nitolbu u qatt ma tlajna hdejn il-Madonna tal-Girgenti. Tlajna l-ewwel darba l-Ħadd 11 ta' Mejju. Hemmhekk, il-Madonna messet qalb il-familja kollha. Minn dakinhar bdejna ngħidu r-rużarju u li kien għal żewġi mmorru hemm kuljum daqskemm ħass paċi kbira.